

2. Kemm hija rilevanti l-konsegwenza, li tirriżulta indirettament minn dan l-arranġament globali, li l-għan tal-arranġament dwar ir-riżervazzjonijiet huwa li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' trasport li l-Kansaneläkelaitos għandu jħallas mill-fondi pubbliċi?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-11 ta' Ġunju 2014 –
Directeur général des douanes et droits indirects, Directeur régional des douanes et droits indirects
d'Auvergne vs Brasserie Bouquet SA**

(Kawża C-285/14)

(2014/C 261/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Directeur général des douanes et droits indirects, Directeur régional des douanes et droits indirects d'Auvergne

Konvenuta: Brasserie Bouquet SA

Domanda preliminari

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni b'liċenzja tintfiehmed esklużivament bħala produzzjoni b'liċenzja għall-użu ta' privattiva jew ta' trade mark jew jista' jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni b'liċenzja tintfiehmed bħala produzzjoni skont proċess ta' manifattura li jappartjenti għal terz u li huwa awtorizzat minnu?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 206.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-12 ta' Ġunju 2014 – Brit Air
SA vs Ministère des finances et des comptes publics**

(Kawża C-289/14)

(2014/C 261/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Brit Air SA

Konvenut: Ministère des finances et des comptes publics

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2(1) u 10(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977⁽¹⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-somma f'daqqa kkalkolata f'termini ta' perċentwal tad-dħul mill-bejgħ annwali mwettaq mil-linji ġestiti permezz ta' konċessjoni u mħallsa lura minn kumpannija tal-ajru li harghet għan-nom ta' kumpannija tal-ajru oħra, biljetti li fil-frattemp jiskadu tikkostitwixxi kumpens mhux taxxabbli mħallas lil din tal-aħħar, li jagħmel tajjeb għad-dannu li jagħti lok għal kumpens subit minħabba l-mobilizzazzjoni minn din tal-aħħar tal-mezzi ta' trasport tagħha jew somma li tikkorrispondi għad-dħul minn biljetti maħruġa u li fil-frattemp ikunu skadew?

- 2) Fil-każ li din is-somma titqies bħala li tikkorrispondi għall-prezz ta' biljetti maħruġa u skaduti, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ħruġ tal-biljett jista' jiġi assimilat mal-eżekuzzjoni effettiva tas-servizz tat-trasport u li s-somom miżmuma minn kumpannija tal-ajru meta l-proprjetarju tal-biljett tal-ajru ma jkunx uża l-biljett tiegħu u meta dan tal-aħħar ikun skada huma suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud?
- 3) F'dan il-każ, it-taxxa miġbura għandha titħallas lura lit-Teżor mill-kumpannija Air France jew mill-kumpannija Brit Air mal-ġbir tal-prezz, anki meta l-vjaġġ ma jistax jitwettaq minħabba l-klijent?

(¹) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Mejju 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-
Repubblika tas-Slovenja, intervenjenti: ir-Renju tal-Belġju u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi**

(Kawża C-8/13) (¹)

(2014/C 261/25)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 63, 2.03.2013

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Mejju 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-
Repubblika tas-Slovenja, intervent: Ir-Renju tal-Belġju u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi**

(Kawża C-9/13) (¹)

(2014/C 261/26)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 63, 02.03.2013.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Mejju 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tad-
Datenschutzbehörde (li kienet Datenschutzkommission) – L-Awstrija) – H vs E**

(Kawża C-46/13) (¹)

(2014/C 261/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 147, 25.05.2013.